*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,426, 15 ta' Mejju, 2015*
*Taqsima C*

# Nru. 96

15. 05. 2015

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Evarist Bartolo, M.P., Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità, Kap. 210.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Evarist Bartolo, M.P., Minister for Education and Employment, and read the First time at the Sitting of the 12th May, 2015.

**AN ACT to amend the Persons with Disability (Employmnet) Act, Cap. 210.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Abbozz ta' Liġi**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità, Kap. 210.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2015 li jemenda l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 210.

**2.** Minnufih wara s-subartikolu (5) tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali, għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin: Emenda tal-artikolu 16 tal-Att prinċipali.

"(5A) Persuna li tonqos milli tosserva l-kwota msemmija fis-subartikolu (2) u stabbilita skont is-subartikolu (5) tintalab mill-Korporazzjoni biex tagħmel kontribuzzjoni annwali ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) għal kull persuna b'diżabilità li suppost tkun fl-impieg tagħha, sa massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) għal kull persuna waħda li hekk tonqos milli tosserva l-kwota.

(5B) Għas-sena 2015, il-persuna għandha tħallas l-ekwivalenti ta' terz tal-kontribuzzjoni, imsemmija fis-subartikolu (5A), li għandha titħallas; matul is-sena 2016 l-ammont tal-kontribuzzjoni għandu jiżdied għal żewġ terzi tal-ammont li għandu jitħallas, u matul is-sena 2017 ikun japplika l-ammomt totali tal-kontribuzzjoni li għandha titħallas.".

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex jimponi kontribuzzjoni li għandha titħallas minn persuni li jonqsu milli josservaw id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità.

**A Bill**
**entitled**

*AN ACT to amend the Persons with Disability (Employment) Act, Cap. 210.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

**1.** The short title of this Act is the Persons with Disability (Employment) (Amendment) Act, 2015, and this Act shall be read and construed as one with the Persons with Disability (Employment) Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Cap. 210.

Amendment of article 16 of the principal Act.

**2.** Immediately after sub-article (5) of article 16 of the principal Act, there shall be added the following new sub-articles:

"(5A) A person who fails to respect the quota referred to in sub-article (2) and determined in accordance with sub-article (5) shall be asked by the Corporation to make an annual contribution of two thousand and four hundred euro (€2,400) for every person with disability that should be in his employment, to a maximum of ten thousand euro (€10,000) for any one person who so fails to respect the quota.

(5B) For the year 2015, the person shall pay the equivalent of one-third of the contribution, referred to in sub-article (5A), which is to be paid; during the year 2016 the amount of the contribution shall be increased to two-thirds of the amount which is to be paid, and during the year 2017 the full amount of contribution to be paid shall apply.".

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to impose a contribution to be paid by persons who fail to comply with the provisions of the Persons with Disability (Employment) Act.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata —** ***Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**